32004D0444

29.4.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 127/112

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-26 ta' April 2004
## li temenda d-Deċiżjoni 2002/668/Euratom li tadatta l-ammont finanzjarju ta' referenza biex iqis it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

(2004/444/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (1),

Billi:

(1) Biex iqis it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, l-ammont finanzjarju ta' referenza miġjub fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/668/Euratom tat-3 ta' Ġunju 2002 dwar is-sitt programm qafas tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (Euratom) għar-riċerka nukleari u attivitajiet ta' taħriġ, li jikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien taż-Żona Ewropea ta' Riċerka (2002 sa 2006) (2) għandu jkun adattat.

(2) L-ammont finanzjarju ta' referenza tal-programm qafas għandu jinżdied u l-approprjazzjonijiet addizzjonali għandhom ikunu ddistribwiti b'mod lineari bejn l-attivitajiet tal-programm qafas; il-prinċipju ta' linearita għandu japplika wkoll għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet kollha tal-programm qafas skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2002/668/Euratom,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu uniku*

Id-Deċiżjoni Nru 2002/668/Euratom hija b'dan emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 2(1) għandu jkun issostitwit b'li ġej:

   "1. L-ammont finanzjarju ta' referenza għall-implimentazzjoni tas-sitt programm qafas għall-perjodu 2002 sa 2006 għandu jkun ta' EUR 1 352 miljun. Il-proporzjon assenjat lil kull waħda mill-attivitajiet huwa stabbilit fl-Anness II."

2. L-Anness II għandu jkun issostitwit bit-test miġjub fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-26 ta' April 2004.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. WALSH

(1) Opinjoni mogħtija fid-9 ta' Marzu 2004 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(2) ĠU L 232, 29.08.2002, p. 34.

*ANNESS*

*"L-ANNESS II*

**AMMONT MASSIMU ĠENERALI, ISHMA RISPETTIVI U TQASSIM INDIKATTIV**

*(EUR miljun)*

| | | |
|---|---|---|
| 1. Żoni ta' prijorita tematika ta' riċerka | | 978 |
| 1.1. Fużjoni termonukleari kkontrollata | 824 | |
| 1.2. Immaneġġar ta' skart radjuattiv | 99 | |
| 1.3. Protezzjoni mir-radjazzjoni | 55 | |
| 2. Attivitajiet oħra fil-qasam ta' teknoloġiji u sigurta nukleari | | 55 |
| 3. Attivitajiet nukleari taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (ĊRK) | | 319 |
| | **Total** | **1 352"** |